KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 63

L-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024. Il-laqgħa bdiet fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dominic Grima | Sindku |
| | Darren Lynch | Viċi Sindku |
| | Ivan Bartolo | Kunsillier (Onlajn) |
| | Rita Delezio | Kunsilliera |
| | Yvonne Arqueros | Kunsilliera (Onlajn) |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Steven Axisa | Kunsillier |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (S.E.) |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**63.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

63.01.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**63.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 62**

63.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 62 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Delezio tipproponi u l-Viċi Sindku jissekonda.

**63.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.03.01 Is-Sindku nforma li rigward it-toroq, l-ewwel fażi ta' Triq Tarxien kienet tlestiet u x-xogħol qed isir f'fażijiet sabiex it-triq ma tingħalaqx kompletament. Huwa żied jgħid li bħalissa għaddej ix-xogħol fi Triq l-Isqof Buhagiar u Triq Kurvetti u wara jibda x-xogħol fi Triq Santa Monika. Huwa qal ukoll li Triq Valletta kienet tlestiet ukoll. Huwa żied jgħid li wara hemm il-ħsieb li jsiru Triq Santa Ubaldeska u Triq il-Foss. Huwa temm jgħid li bħalissa għaddejjin dikussjonijiet rigward Triq Lampuka u Triq it-Tarzna iżda dawn qed jieħdu fit-tul peress li hemm involuta l-Korporazzjoni tal-Ilma minħabba li jridu jinbidlu s-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ.

63.03.02 Rigward it-*tenders* huwa qal li t-*tender* ta' Ġnien Silvio Parnis kien ħareġ ħmistax ilu filwaqt li t-tender rigward il-latrina pubblika kien għalaq, kien hemm 2 offerti iżda t-tnejn kellhom diversi informazzjoni nieqsa u għalhekk tlabna l-kjarifiċi u kien wieħed biss li wieġeb permezz ta' dokument li fih iktar minn 200 paġna u li bħalissa qed jiġi evalwat mill-Perit.

63.03.03 Is-Sindku spjega li llum stess kellu laqgħa dwar Ġnien il-Mediterran peress li hemm partijiet mill-art qed jgħajjtu lid-Dipt. tal-Edukazzjoni (MCAST) u għalhekk qed nistennew in-*No Objection* min naħa tagħhom sabiex ikun jista' joħroġ it-*tender*. Huwa qal li mil laqgħa tal-lum, jidher li dalwaqt naslu.

63.03.04 Rigward xogħlijiet oħra li għaddejjin bħalissa, s-Sindku semma x-xogħol li qed isir mid-Dipt tax-Xogħlijiet (PWD) fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Sant' Antnin.

63.03.05 Is-Sindku spjega li bħala Kunsill ilna għal diversi xhur niġru wara d-Dipt tal-Artijiet rigward il-*hoarding* li hemm fi Triq il-Foss. Minħabba l-istat li jinsabu fih. Fiċ-ċirkostanzi iddeċieda unanimament li jekk sal-aħħar tax-xahar dawn ma jitneħħewx, il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb ineħħihom hu.

63.03.06 Is-Sindku spjega li wara li t-talbiet tagħna sabiex jiġu kkontrollati l-vetturi kbar li qed jgħaddu minn Triq l-Arkati, Transport Malta (TM) issa qed jissuġġerixxu li

xi toroq jiġu *One Way* u oħrajn tinbidlilhom id-direzzjoni. Huwa ta' dettalji dwar is-suġġeriment ta' TM u kien hemm qbil li dawn isiru bi prova għal perjodu ta' żmien u wara tittieħed deċiżjoni finali.

63.03.07 Is-Sindku spjega li filwaqt li ġewwa Paola m-numru ta' *iBins* huwa iktar minn kemm teżiġi l-ERA, dawn kollha għandhom CCTV fuqhom li taħdem. Huwa qal li dwar il-każ ta' madum imkisser li kien hemm fi Triq Pawlu Boffa dan tnaddaf mill-kuntrattur u wara ftit ġranet xi ħadd reġa' tefa iktar madum imkisser. Filwaqt li rringrazzja lil-kuntrattur li naddaf is-sit malli nfurmajnih bil-każ, is-Sindku talab il-koperazzjoni ta' kulħadd sabiex ir-raħal jinżamm nadif għal ġid ta' kulħadd

**63.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.04.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar ir-*Risk Assessment* tas-Suq u s-SE informa li jekk ma jinqala xejn, dan kien ser jibda l-ġimgħa d-dieħla.

63.04.02 Il-Viċi Sindku staqsa hux possibbli li jsir *Dog Bin* fi Triq il-Foss fil-viċinanzi ta' veterinarju li għandu l-uffiċċju fl-akkwati. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-vet ikollu *bin* fid-daħla tal-uffiċċju tiegħu.

63.04.03 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar *Double Yellow Lines* li kien hemm fi Triq Brittanja k/m Triq Ninu Cremona u li ma sarux wara li saret it-triq. Is-Sindku nforma li fil-ġranet li ġejjin kienu ser idur it-toroq li saru dan l-aħħar mal-Perit u l-kuntrattur sabiex fejn hemm xi nuqqasijiet sabiex bħal dawn jitranġaw.

63.04.04 Il-Viċi Sindku ressaq talba ta' resident minn Triq Bormla sabiex viċin ta' ħanut tat-*tattoos* isiru jew mera jew *sleeping policeman*. Is-Sindku nforma li *sleeping policeman* kien hemm iżda din kellha tinqala minħabba li r-residenti oġġezzjonaw u mera ma tistax issir minħabba t-tined tal-ħanut.

63.04.05 Il-Kunsilliera Delezio issuġġeriet li jeħlu *Dog Bins* fi Triq it-Tramuntana u s-Sindku nforma li dawn ġew ordnati u malli jaslu għandhom jeħlu.

63.04.06 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kienx hemm żviluppi dwar il-proġett ta' quddiem il-Knisja ta' Santa Ubaldeska u s-Sindku nforma li konna għadna kif applikajna u konna qed nistennew ir-riżultat.

63.04.07 Il-Kunsilliera Delezio irrimarkat li fi Triq l-Arkata l-vetturi kbar għadhom qed jidħlu u jolqtu l-gallariji.

63.04.08 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-ittra li kellna niktbu dwar il-leġislazzjoni dwar il-ħamiem selvaġġ u s-SE informa li kienet ntbagħtet ittra lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali kif kien hemm qbil.

63.04.09 Il-Kunsilliera Arqueros irrimarkat dwar il-bżonn li jsiru *Sleeping Policeman* fin-niżla ta' Palumbo.

63.04.10 Il-Kunsilliera Arqueros issuġġeriet li ssir *Zebra Crossing* in-naħa t'isfel ta Triq il-Kalkara iżda s-Sindku irrimarka li mhux faċli li jingħata permess għal *Zebra Crossing* f'dawk l-akkwati iżda xorta napplikaw.

63.04.11 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jistax isir xi ħaġa sabiex it-tarġa li hemm fi Ġnien Lorry Sant tkun tidher iktar minħabba li waqgħu xi nies fosthom hija stess. Is-Sindku spjega li t-tarġa hija ta' kulur differenti mill-kumplament tal-pavimentar iżda kien ser jara jekk jistax isir xi ħaġa oħra.

63.04.12 Il-Kunsillier Camilleri staqsa hux possibbli li ssir *Zebra Crossing* viċin Sare'. Is-Sindku nforma li konna tlabna din iz-*Zebra Crossing* diversi drabi iżda Transport Malta mhux qed jaqblu. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin kien ser ikollu laqgħa mal-Ministru u ser jissuġġerixxi li almenu ssir fil-viċinanzi tal-Pompa tal-Petrol.

63.04.13 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hux possibbli li l-kotba tal-librerija tal-MCAST ikunu jistgħu jinħargu barra u mhux jintużaw hemm biss. Is-Sindku wieġeb li kien ser jiċċekkja jekk dan kienx possibbli.

63.04.14 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-bieb li hemm fil-*Green Corridor* u s-Sindku nforma li l-permess oriġinali kien twaqqa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

63.04.15 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hemmx xi problema dwar bozoz irrapurtati bil-ħsara peress li qed idumu ma jissewwew. Is-Sindku nforma li l-ħaddiem tal-kuntrattur li kien jaf ir-raħal sew jinsab ma jiflaħx fit-tul u għalhekk ix-xogħol waqa lura. Rigward is-*central hanging* huwa qal li *spare parts* għalihom ma għadx hawn u għalhekk kellna nixtru fanali ġodda li għadna qed nistennew li jaslu minn barra.

***Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fis-5:55 pm minħabba mpenji personali.***

**63.05 Korrispondenza**

63.05.01 Is-SE semma kif fl-aħħar laqgħa (62.05.01) kien hemm qbil li taħt l-iskema SPI/SCI/02/2024 il-Kunsill japplika sabiex Ġnien Silvio Parnis isir iktar aċċessibbli. Huwa qal li madankollu s-*safety flooring* fi Ġnien Pawlu Boffa huwa fi stat ħażin ħafna u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jekk jinkisbu l-fondi, is-*safety flooring* preżenti jinbidel. Dwar dan kien hemm qbil.

**63.06 Rapporti**

63.06.01 Ma kienx hemm rapporti.

**63.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 63**

63.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti numru 63 ġiet approvata unanimament.

**63.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Kunsill Lokali Paola

63.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:05 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 24 ta' April 2024 fl-4:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 24 ta' April 2024.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________________ | ______________________________ |
| **Dominic Grima** | **Fabian Mizzi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |